



REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2364

tas-26 ta' Settembru 2023

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija ("Nomenklatura Magħquda" jew "NM"), biex fl-istess waqt jissodisfa r-rekwiżiti tat-Tariffa Doganali Komuni, tal-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni, u tal-politiki oħra jn-tal-Unjoni li jikkonċernaw l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-merkanzija.
- (2) Għall-finijiet tas-simplifikazzjoni leġiżlattiva, jixraq li n-NM tiġi modernizzata u li l-istruttura tagħha tiġi adattata.
- (3) Jeħtieġ li n-NM tiġi emmdata sabiex jiġi implementat it-tnaqqis gradwali tar-rati tad-dazju għall-prodotti koperti mill-ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA), kif meħtieġ bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/971 (²).
- (4) Fil-kuntest biex jinżamm l-istess trattament mingħajr dazju tariffarju għall-prodotti koperti mill-ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA), fejn ċerti splitters ottiċi passivi jridu jiġu klassifikati fl-intestatura 9013, jeħtieġ li jinħoloq kodiċi NM separat għal dawn il-prodotti speċifiċi.
- (5) Jeħtieġ ukoll li n-NM tiġi emmdata sabiex jitqiesu l-bidliet fir-rekwiżiti relatati mal-istatistika u mal-politika kummerċjali u mal-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali, billi jiġu introdotti subintestaturi ġodda jew billi tiġi mmodernizzata l-istruttura attwali tas-subintestaturi u biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ ta' merkanzija specifica ("Plátano de Canarias" fil-Kapitolu 8, "tadam" fil-Kapitolu 20, "skart tal-plastik" fil-Kapitolu 39, "drappijiet mhux minsuġin" fil-Kapitolu 56, "skart u skrapp ta' drappijiet oħra b'malja magħluqa minsuġin mir-rovings tal-fibri tal-ħtieġ" tal-Kapitolu 70, "parts ta' sits ta' vetturi bil-mutur" fil-Kapitolu 94 tan-NM). Jeħtieġ ukoll li tiġi ssimplifikata s-subintestatura 5007 20 ("Drappijiet oħrajn, li fihom 85 % jew iktar tal-piż magħmul mill-ħarir jew mill-iskart tal-ħarir għajnej il-fidha") .
- (6) Meta titqies l-evoluzzjoni fl-interpretazzjoni tas-SA ("Sistema Armonizzato") u l-kodiċijiet NM u l-evoluzzjoni tal-ħarfien xjentifiku, jeħtieġ li tiġi emmdata l-klassifikazzjoni ta' xi sustanzi fil-lista tal-ismijiet mhux proprjetarji ta' sustanzi farmaċewtiċi fl-Anness 3 tat-Tielet Parti (Annessi Tariffarji) tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.
- (7) B'effett mill-1 ta' Jannar 2024 jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jiġi sostitwit b'verzjoni kompluta u aġġornata tan-NM, flimkien mar-rati tad-dazju awtonomi u konvenzjonali li jirriżultaw mill-miżuri adottati mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

(¹) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/971 tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim fil-forma tad-Dikjarazzjoni dwar l-Espansjoni tal-Kummerċ fil-Prodotti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni (ITA) (ĠU L 161, 18.6.2016, p. 2).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni*

ANNESS

“ANNESS I

NOMENKLATURA MAGĦQUDA

SOMMARJU

L-EWWEL PARTI — DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

Paġna

TAQSIMA I — REGOLI ĠENERALI

A. REGOLI ĠENERALI GĦALL-INTERPRETAZZJONI TAN-NOMENKLATURA MAGĦQUDA	15
B. REGOLI ĠENERALI LI JIKKONĊERNAW DAZJI	16
Ċ. REGOLI APPLIKABBLI KEMM GĦAN-NOMENKLATURA KIF UKOLL GĦAD-DAZJI.....	17

TAQSIMA II — DISPOŻIZZJONIJIET SPEċJALI

A. OĠĠETTI GĦAL ĊERTI KATEGORIJI TA' VAPURI, DGĦAJES U BASTIMENTI OĦRA U GĦAL PJATTAFORMI GĦAT-TĦAFFIR JEW GĦALL-PRODUZZJONI	18
B. MEZZI TAL-AJRU ĊIVILI U OĠĠETTI GĦALL-UŻU F'MEZZI TAL-AJRU ĊIVILI	19
Ċ. PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI	22
D. RATA STANDARD TA' DAZJU	23
E. KONTENITURI U MATERJALI TA' IPPAKKJAR	24
F. TRATTAMENT FAVOREVOLI TA' TARIFFA MINĦABBA FIN-NATURA TAL-OĠĠETTI	24
SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI	26
UNITAJIET SUPPLIMENTARI	27

IT-TIENI PARTI — SKEDA TA' DAZJI TAD-DWANA

Kapitlu	Paġna
---------	-------

TAQSIMA I

ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI MINN ANNIMALI

1 ANNIMALI ĦAJJIN	31
2 LAĦAM U ĠEWWIENI LI JITTIEKEL	36
3 ĦUT U KRUSTAĊJI, MOLLUSKI U INVERTEBRATI AKKWATIĊI OĦRAJN	55
4 PRODOTTI TAL-ĦALIB; BAJD TAL-ĞHASAFAR; GĦASEL NATURALI; PRODOTTI TAJBIN GĦALL-IKEL ĠEJJIN MILL-ANNIMALI, LI MHUMIEX SPEċIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA	79
5 PRODOTTI ĠEJJIN MILL-ANNIMALI LI MHUMIEX SPEċIFIKATI JEW INKLUŻI BAND'OĦRA	93

TAQSIMA II

PRODOTTI VEġETALI

6 SIĠAR ĦAJJIN U PJANTI OĦRAJN; BASAL, GĦERUQ U BĦALHOM; FJURI MAQTUGĦIN U WERAQ ORNAMENTALI	95
7 VEġETALI U ĊERTI GĦERUQ U TUBERI TAJBIN GĦALL-IKEL	98

Kapitlu	Paġna
8 FROTT U ĠEWŻ TAJBIN GĦALL-IKEL; QOXRA TAL-FROTT TAĊ-ĊITRU JEW TAL-BETTIEĦ	105
9 KAFÈ, TÈ, MATÈ U ĦWAWAR	112
10 ĊEREALI	115
11 PRODOTTI TAL-INDUSTRIJA TAT-THIN; MALT; LAMTI; INULINA; GLUTINA TAL-QAMĦ	120
12 ŻRIERAGĦ U FROTT ŻEJTNIN; DIVERSI ĦABB, ŻRIERAGĦ U FROTT; PJANTI INDUSTRIJALI JEW MEDICIṄNALI; TIBEN U FORAṄG	125
13 GOMMALAKKA; GOMOM, RAŽI, U MERAQ U ESTRATTI VEĠETALI OĦRAJN	130
14 MATERJAL TAD-DFIR VEĠETALI; PRODOTTI VEĠETALI LI MHUMIEX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA	132

TAQSIMA III

XAHMIJET U ŻJUT TAL-ANIMALI, VEĠETALI JEW MIKROBIĊI U PRODOTTI MILL-QSIM TAGĦHOM; XAHMIJET IPPREPARATI TAJBIN GĦALL-IKEL; XEMGĦAT TAL-ANIMALI JEW VEĠETALI

15 XAHMIJET U ŻJUT TAL-ANIMALI, VEĠETALI JEW MIKROBIĊI U PRODOTTI MILL-QSIM TAGĦHOM; XAHMIJET IPPREPARATI TAJBIN GĦALL-IKEL; XEMGĦAT TAL-ANIMALI JEW VEĠETALI	133
---	-----

TAQSIMA IV

PRODOTTI TAL-IKEL IPPREPARATI; XARBIET, SPIRTI U HALL; TABAKK U SOSTITUTI MANIFATTURATI TAT-TABAKK; PRODOTTI, KEMM JEKK IKUN FIHOM IN-NIKOTINA U KEMM JEKK LE, MAĦSUBA GĦALL-INALAZZJONI MINGĦAJR KOMBUSTJONI; PRODOTTI OĦRA LI FIHOM IN-NIKOTINA MAĦSUBA GĦAT-TIDĦIL TAN-NIKOTINA FIL-ĠISEM TAL-BNIEDEM

16 PREPARATI TA' LAĦAM, TA' ĦUT JEW TA' KRUSTAĊEJ, MOLLUSKI JEW INVERTEBRATI AKKWATIĊI OĦRAJN, JEW TA' INSETTI	144
17 ZOKKRJIIJET U ĦLEWWIET TAZ-ZOKKOR	151
18 KAWKAW U PREPARATI TAL-KAWKAW	156
19 PREPARATI TAĊ-ĊEREALI, TAD-DIQIQ, TAL-LAMTU JEW TAL-ĦALIB; PRODOTTI TAL-PASTIČIERA	159
20 PREPARATI TA' ĦAXIX, FROTT, ĠEW ŻU PARTIJET OĦRAJN TAL-PJANTI	164
21 PREPARATI DIVERSI TAJBIN GĦALL-IKEL	185
22 XARBIET, SPIRTI U HALL	189
23 RESIDWI U SKART MILL-INDUSTRIJITAL-IKEL; FORAṄG TAL-ANIMALI PPREPARAT	204
24 TABAKK U SOSTITUTI MANIFATTURATI TAT-TABAKK; PRODOTTI, KEMM JEKK IKUN FIHOM IN-NIKOTINA U KEMM JEKK LE, MAĦSUBA GĦALL-INALAZZJONI MINGĦAJR KOMBUSTJONI; PRODOTTI OĦRA LI FIHOM IN-NIKOTINA MAĦSUBA GĦAT-TIDĦIL TAN-NIKOTINA FIL-ĠISEM TAL-BNIEDEM	210

TAQSIMA V

PRODOTTI MINERALI

25 MELĦ; KUBRIT; MATERJALI TAL-ART U ĠEBEL; MATERJALI TAT-TIKĦIL, ĠIR U SIMENT	213
26 MINERALI MHUX MAĦDUMA, GAGAZZA U RMIED	219
27 KARBURANTI MINERALI, ŻJUT MINERALI U PRODOTTI TAD-DISTILLAZZJONI TAGĦHOM; SUSTANZI BITUMINUŻI; XEMGĦAT MINERALI	222

Kapitlu

Paġna

TAQSIMA VI

PRODOTTI TAL-INDUSTRIJA KIMIKA JEW DAWK RELATATI MAGħHA

28	SUSTANZI KIMIĊI INORGANIĊI; KOMPOSTI ORGANIĊI JEW INORGANIĊI TA' METALLI PREZZJUŻI, TA' METALLI TAL-MATERJALI TAL-ART RARI, TA' ELEMENTI RADJUATTIVI JEW TA' ISOTOPI	232
29	SUSTANZI KIMIĊI ORGANIĊI	248
30	PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI	275
31	FERTILIZZANTI	281
32	ESTRATTI GĦALL-IKKONZAR JEW Għaż-ż-BIGH; TANNINI U D-DERIVATTIVI TAGħHOM; ŻEBGħA, PIGMENTI U MATERJA KOLORANTI OĦRA; ŻEBGħA U VERNIĊI; STOKK U MASTIĊI OĦRAJN; LINEK	285
33	ŻJUT ESSENZJALI U REŻINOJDI; PREPARATI TAL-FWEJJA, KOSMETIĊI JEW TAT-TWALETTA	290
34	SAPUN, AĠENTI TENSJOATTIVI ORGANIĊI, PREPARATI GĦALL-ĦASIL, PREPARATI GĦALL-LUBRIKAZZJONI, XEMGĦAT ARTIFIĊJALI, XEMGĦAT IPPREPARATI, PREPARATI GĦALL-ILLOSTRAR JEW GĦALL-GĦORIK, XEMGĦAT U OĠĠETTI SIMILI, PASTES GĦALL-IMMUELLAR, "XEMGĦAT DENTALI" U PREPARATI DENTALI B'BAŻI TA' ġIBS	294
35	SUSTANZI ALBUMINOJDALI; LAMTI MODIFIKATI; KOLOL; ENŻIMI	297
36	SPLUSSIVI; PRODOTTI PIROTEKNIĊI; SULFARINI; LIĠI PIROFORIĊI; ĊERTI PREPARATI KOMBUSTIBBLI	300
37	OĠĠETTI FOTOGRAFIĊI JEW ĊINEMATOGRAFIĊI	301
38	DIVERSI PRODOTTI KIMIĊI	304

TAQSIMA VII

PLASTIK U OĠĠETTI TIEGĦU; GOMMA U OĠĠETTI TAGħHA

39	PLASTIK U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU	316
40	LASTIKU U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNU	332

TAQSIMA VIII

ĠLUD MHUX MAĦDUMIN, ĠILDA, FERIJIET U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM; OĠĠETTI TAS-SARRAġ U XEDD; OĠĠETTI GĦAS-SAFAR, BOROŻ TAL-IDEJN U KONTENITURI SIMILI; OĠĠETTI TAL-KORDA TAL-MUSRANA (ĦLIEF MUSRANA TAD-DUDU TAL-ĦARIR)

41	ĠLUD GREZZI (GĦAJR IL-ĠLUD TAL-PELLIČċERJA) U L-ĠILDA	339
42	OĠĠETTI TAL-ĠILDA; OĠĠETTI TAS-SARġ U TAX-XEDD; OĠĠETTI GĦAS-SAFAR, HANDBAGS U KONTENITURI SIMILI; OĠĠETTI MAGĦMULIN MILL-MUSRANA TAL-ANNIMALI (GĦAJR MILL-MUSRANA TAD-DUDU TAL-ĦARIR)	344
43	ĠLUD TAL-PELLIČċERJA U FER ARTIFIĊJALI; PRODOTTI MAGĦMULIN MINNHOM	347

TAQSIMA IX

INJAM U OĠĠETTI TAL-INJAM; FAĦAM TAL-INJAM; SUFRA U OĠĠETTI TAS-SUFRA; MANIFATTURI TA' TIBEN, TA' SPARTU JEW TA' MATERJALI OĦRAJN TAT-TRIZZA; XOGħOL TAL-QFIEF U XOGħOL TAL-QASAB

44	INJAM U OĠĠETTI TAL-INJAM; KARBONJU TAL-INJAM	349
45	SUFRA U OĠĠETTI TA' SUFRA	363
46	XOGħLIJJIET TAT-TIBNA, TAL-ISPARTU JEW TA' MATERJALI TAD-DFIR OĦRAJN; XOGħOL TAL-QFIEF U XOGħOL TAL-QASAB	364

Kapitlu

Paġna

TAQSIMA X

POLPA TAL-INJAM JEW TA' MATERJAL IEĦOR ĊELLULOŻIKU FIBRUŻ; (SKART U FDAL TA') KARTA JEW KARTUN IRKUPRAT; KARTA JEW KARTUN U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM

47	POLPA TAL-INJAM JEW TA' MATERJAL IEĦOR ĊELLULOŻIKU FIBRUŻ; (SKART U LAQX TAL-) KARTA JEW KARTUN IRKUPRAT	366
48	KARTA U KARTUN; OĠĠETTI TAL-POLPA TAL-KARTA, TAL-KARTA JEW TAL-KARTUN	368
49	KOTBA STAMPATI, GAZZETTI, STAMPI U PRODOTTI OĦRAJN TAL-INDUSTRIJA TAL-ISTAMPAR; MANUSKRITTI, TESTI TTAJPJATI U PJANTI	381

TAQSIMA XI

TESSUTI U OĠĠETTI TA' TESSUTI

50	ĦARIR	390
51	SUF, XAGħAR FIN JEW AĦRAX TAL-ANIMALI; RADEN U DRAPP MINSUĠIN MILL-KRIN	392
52	QOTON (TAJJAR)	396
53	FIBRI OĦRAJN TA' TESSUTI VEĠETALI; HJUT TAL-KARTA U DRAPPIJET MINSUĠIN MINN HJUT TAL-KARTA	404
54	FILAMENTI MAGĦMULIN MILL-BNIEDEM; STRIXXI U OĠĠETTI SIMILI TA' MATERJALI TESSILI MAGĦMULIN MILL-BNIEDEM	407
55	FIBRI STAPLE MAGĦMULIN MILL-BNIEDEM	411
56	WATTIET, FELTRU U DRAPPIJET MHUX MINSUĠIN; RADEN SPEĊJALI; SPAG, KURDUNI, ĦBULA, U GUMNA U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNHOM	418
57	TWAPET U KISI TAL-ART IEĦOR TA' TESSUTI	422
58	DRAPPIJET MINSUĠIN SPEċJALI; DRAPPIJET TESSILI BIL-BŻIEBEŻ; TAPIZZERIJI; TBERFILJET; RAKKMU	425
59	DRAPPIJET TESSILI IMPRENJATI, MIKSJIN, MGĦOTTIJIN JEW LAMINATI; OĠĠETTI TESSILI TA' TIP ADDATTAT GĦALL-UŻU INDUSTRIJALI	428
60	DRAPPIJET MAĦDUMIN BIL-LABAR (KNITTED) JEW BIL-GANČ (CROCHETED)	433
61	OĠĠETTI TA' LBIES U AĊĊESSORJI TAL-ĦWEJJEĠ, MAĦDUMIN BIL-LABAR (KNITTED) JEW BIL-GANČ (CROCHETED)	436
62	OĠĠETTI TAL-ILBIES U AĊĊESSORJI TAL-ĦWEJJEĠ, MHUX INNITTJATI U MHUX MAĦDUMIN BIL-GANČ	446
63	OĠĠETTI TESSILI OĦRAJN IMMANIFATTURATI; SETTIJET; ILBIESI QODMA U OĠĠETTI TESSILI QODMA; ĊRARET	457

TAQSIMA XII

ILBIES GĦAR-RIĠLEJN, ILBIES GĦAR-RAS, UMBRELEL, UMBRELEL TAX-XEMX, BSATEN GĦALL-MIXI, BSATEN SIĠĠU, SWAT, FROSTI U PARTIJJET TAGħHOM; RIX IPPREPARAT U OĠĠETTI MAGĦMULIN MINNU; FJURI ARTIFIĊJALI; OĠĠETTI TA' XAGħAR UMAN

64	XEDD IS-SAQAJN, GETTI U OĠĠETTI BĦALHOM; IL-PARTIJJET TA' DAWN L-OĠĠETTI	462
65	XEDD IR-RAS U L-PARTIJJET TIEGĦU	468
66	UMBRELEL, UMBRELEL TAX-XEMX, BSATEN GĦALL-MIXI, BSATEN-SIĠĠU, FROSTI, FROSTINI U L-PARTIJJET TAGħHOM	469
67	RIX U ŻAJBAR IPPREPARATI U OĠĠETTI MAGĦMULIN MIR-RIX JEW MIŻ-ŻAJBAR; FJURI ARTIFIĊJALI; OĠĠETTI MAGĦMULIN MIX-XAGħAR TAL-BNIEDEM	470

Kapitlu

Paġna

TAQSIMA XIII

OĠĠETTI TAL-ĠEBEL, ĜIBS, SIMENT, ASBESTOS, MIKA JEW MATERJALI SIMILI; PRODOTTI TA' ĊERAMIKA; ĦĠIEġ U OĠĠETTI TAL-ĦĠIEġ

68	OĠĠETTI TAL-ĠEBEL, ĜIBS, SIMENT, ASBESTOS, MAJKA JEW MATERJALI SIMILI	472
69	PRODOTTI TA' ĊERAMIKA	477
70	ĦĠIEġ U OĠĠETTI TAL-ĦĠIEġ	481

TAQSIMA XIV

PERLI NATURALI JEW KULTIVATI, ĦAġAR PREZZJUŻ JEW SEMI-PREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MIKSIJIN B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI TAGħHOM, ĠOJJELLI ARTIFIċJALI; MUNITA

71	PERLI NATURALI JEW KULTIVATI, ĦAġAR PREZZJUŻ JEW SEMIPREZZJUŻ, METALLI PREZZJUŻI, METALLI MLIBBSA B'METALL PREZZJUŻ, U OĠĠETTI MAGĦMULA MINNHOM; BIĠOTTERIJA; MUNITI	490
----	--	-----

TAQSIMA XV

METALLI TA' VALUR BAXX U OĠĠETTI TA' METALLI TA' VALUR BAXX

72	ĦADID U AZZAR	499
73	OĠĠETTI TA' ĦADID JEW AZZAR	522
74	RAM U OĠĠETTI TIEGĦU	534
75	NIKIL U OĠĠETTI TIEGĦU	539
76	ALUMINIU U OĠĠETTI TIEGĦU	541
77	(RISERVATA GĦAL LI JISTA' JKUN GĦAL UŻU 'L QUDDIEM)	
78	ĊOMB U OĠĠETTI TIEGĦU	546
79	ŻINGU U OĠĠETTI TIEGĦU	548
80	LANDA U OĠĠETTI TAGĦHA	549
81	METALLI OĦRAJN TA' VALUR BAXX; ČERMİT; OĠĠETTI TAGħHOM	550
82	GĦODOD, TAGħMIR, POŻATI, MGħAREF U FRIEKET, TA' METALL KOMUNI; PARTIJJET TAGħHOM TAL-METALL KOMUNI	554
83	OĠĠETTI MIXSELLANJI TA' METALLI KOMUNI	560

TAQSIMA XVI

MAKKINARJU U GĦODOD MEKKANIĊI; APPARAT ELETTRIKU; PARTIJJET TAGħHOM; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU L-ĦOSS; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U STRUMENTI LI JIRRIPRODUĊU STAMPA U ĦOSS TELEVIŻIVI U PARTIJJET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI

84	REATTURI NUKLEARI, BOILERS, MAKKINARJU U APPARATI MEKKANIĊI; PARTIJJET TAGħHOM	565
85	MAKKINARJU U TAGħMIR ELETTRIKU U PARTIJJET TAGħHOM; STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U JIRRIPRODUĊU L-ĦOSS, STRUMENTI LI JIRREKORDJAW U JIRRIPRODUĊU L-ISTAMPI U L-ĦOSS TAT-TELEVIŻJONI, U PARTIJJET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI	614

Kapitlu

Paġna

TAQSIMA XVII

VETTURI, BIĊĊIET TAL-AJRU, BASTIMENTI U TAGĦMIR TAT-TRASPORT ASSOĊJAT

86 LOKOMOTTIVI TAL-LINJI FEROVJARJI JEW TAT-TRAMM, ROLLING STOCK U PARTS TAGĦHOM; FIXTURES U FITTINGS GĦALL-BINARJI JEW GĦAL-LINJI TAT-TRAMM U PARTS TAGĦHOM; TAGĦMIR TA' SINJALAR MEKKANIKU TAT-TRAFFIKU (INKLUŻ ELETTRO-MEKKANIKU) TA' KULL TIP	646
87 VETTURI ĦLIET ROLLING-STOCK TA' LINJI FEROVJJI JEW TAT-TRAMM, U PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM	649
88 INĠENJI TAL-AJRU, INĠENJI TAL-ISPAZJU, U PARTIJIET TAGĦHOM	664
89 BASTIMENTI, DGĦAJES U STRUTTURI LI JŻOMMU FWIĊĊ L-ILMA	667

TAQSIMA XVIII

STRUMENTI U APPARAT OTTIKU, FOTOGRAFIKU, ĊINEMATOGRAFIKU, TA' KEJL, TA' IĊĊEKKJAR, TA' PRECIJONI, MEDIKU JEW KIRURĠIKU; ARLOĠġI U ARLOġġI TAL-IDEJN; STRUMENTI MUŻIKALI; PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM

90 STRUMENTI U APPARAT OTTIKU, FOTOGRAFIKU, ĊINEMATOGRAFIKU, GĦALL-KEJL, GĦALL-IĊĊEKKJAR, TA' PRECIJONI, MEDIKU JEW KIRURĠIKU; PARTS U AĊĊESSORJI TAGĦHOM	670
91 ARLOġġI U ARLOġġI TAL-IDEJN JEW TAL-BUT U PARTS TAGĦHOM	684
92 STRUMENTI MUŻIKALI; PARTS U AĊĊESSORJI TA' OĠĠETTI BĦAL DAWN	688

TAQSIMA XIX

ARMI U MUNIZZJON; PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM

93 ARMI U MUNIZZJON; PARTS U AĊĊESSORJI TAGĦHOM	691
---	-----

TAQSIMA XX

OĠĠETTI MANIFATTURATI VARJI

94 GĦAMARA; FRIEX, SAQQIJIET, IRFID GĦAS-SAQQIJIET, CUSHIONS U ARREDAMENT SIMILI MIMLI; IL-LUMINARJI U L-FITTINGS TAT-TIDWIL MHUX SPEĊIFIKATI JEW INKLUŻI BANDA OĦRA; SINJALI MDAWLIN, Pjanċi TAL-ISMIJET IMDAWLIN U BĦALHOM; BINI PREFABBRIKAT	693
95 ĠUGARELLI, LOGĦOB U OĠĠETTI GĦALL-ISPORT; PARTS U AĊĊESSORJI TAGĦHOM	699
96 OĠĠETTI MANIFATTURATI VARJI	705

TAQSIMA XXI

XOGħLIJJIET TAL-ARTI, BĊEJJEĊ TAL-KOLLEZZJONI U ANTIKITAJIET

97 XOGħLIJJIET TAL-ARTI, BIĊĊIET TAL-KOLLEZZJONI U ANTIKITAJIET	711
98 MAKKINARJU INDUSTRIJALI KOMPLET	714
99 KODIĊIJIET SPEċJALI TAN-NOMENKLATURA MAGĦQUDA	717

Kapitlu

Paġna

IT-TIELET PARTI — ANNESSI GHAT-TARIFFA

TAQSIMA I — ANNESSI AGRIKOLI

Paġna

ANNESS 1 KOMPONENTI AGRIKOLI (EA), DAZJI ADDIZZJONALI GĦAZ-ZOKKOR (AD S/Z) U DAZJI ADDIZZJONALI GĦAD-DQIQ (AD F/M)	723
ANNESS 2 PRODOTTI LI GĦALIHOM JAPPLIKA PREZZ TA' DĦUL	739

TAQSIMA II — LISTA TA' SUSTANZI FARMAĊEWTIĊI LI JIKKVALIFIKAW GĦAL TRATTAMENT MINGĦAJR DAZJU

ANNESS 3 LISTA TA' ISMIIJET MHUX PROPRJETARJI INTERNAZZJONALI (INNS), MOGĦTIJIN GĦAL SUSTANZI FARMAĊEWTIĊI MILL-ORGANIZZAZZJONI DINJJA TAS-SAĦĦA, LI HUMA MEĦLUSIN MID-DAZJU	772
ANNESS 4 LISTA TA' PREFISSI U SUFFISSI LI, FLIMKIEN MAL-INNS TAL-ANNESS 3, JIDDESKRIVU L-MELĦ, L-ESTERI JEW L-IDRATI TA' INNS; DAN IL-MELĦ, ESTERI U IDRATI HUMA ĦIELSA MID-DAZJU, SAKEMM HUMA KLASSIFIKABBIL TAĦT L-ISTESS TITLU TAS-SISTEMA ARMONIZZATA (SA) B'SITT NUMRI BĦALL-INN KORRISPONDENTI	984
ANNESS 5 MELĦ, ESTERI U IDRATI TA' INNS, LI MHUMIEX IKKLASSIFIKATI TAĦT L-ISTESS TITLU TAS-SISTEMA ARMONIZZATA (SA) BĦALL-INNS KORRISPONDENTI U LI HUMA ĦIELSA MID-DAZJU ..	998
ANNESS 6 LISTA TA' INTERMEDJI FARMAĊEWTIĊI UŻATI GĦALL-MANIFATTURA TA' PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI MITMUMIN, LI HUMA ĦIELSA MID-DAZJU	1002

TAQSIMA III

ANNESS 7 (RISERVATA GĦAL LI JISTA' JKUN GĦAL UŻU L QUDDIEM)	1061
---	------

TAQSIMA IV — TRATTAMENT FAVOREVOLI TAT-TARIFFA MINĦABBA FIN-NATURA TAL-OĠĠETTI

ANNESS 8 OĠĠETTI LI MHUMIEX TAJBIN GĦALL-KONSUM	1065
ANNESS 9 ĊERTIFIKATI	1070

TAQSIMA V

ANNESS 10 TARIC STATISTIKAS KODI	1083
--	------

L-EWWEL PARTI

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

TAQSIMA I

REGOLI ĠENERALI

A. Regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda

Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda għandha tkun irregolata mill-prinċipji li ġejjin:

1. It-titoli tat-taqsimiet, tal-kapitoli u tas-subkapitoli qed jingħataw biss għal finijiet ta' ħeffa tar-referenza; għal finijiet legali, il-klassifikazzjoni għandha tkun deċiża skont it-termini tal-intestaturi u n-noti ta' kwalunkwe taqsima jew kapitolu relattiv u, sakemm dawn l-intestaturi jew in-noti ma jesiġux mod ieħor, skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin.
2. (a) Kwalunkwe referenza għal oġġett f'intestatura għandha titqies li tħinkludi referenza għal dak l-oġġett mhux komplut jew mhux irfinut, sakemm, kif ippreżentat, l-oġġett mhux komplut jew mhux irfinut ikollu l-karattru essenzjali tal-oġġett komplut jew irfinut. Għandha wkoll titqies li tħinkludi referenza għal dak l-oġġett komplut jew irfinut (jew li jista' jkun ikklassifikat bħala komplut jew ikkompletat permezz ta' din ir-regola), ippreżentat mhux assemblat jew żarmat.

 (b) Kwalunkwe referenza għal materjal jew sustanza f'intestatura għandha titqies li tħinkludi referenza għal taħlitiet jew kombinamenti ta' dak il-materjal jew is-sustanza ma' materjali jew sustanzi oħra. Kwalunkwe referenza għal oġġetti ta' ċertu materjal jew sustanza għandha titqies li tħinkludi referenza għal oġġetti li jikkonsistu totalment jew parżjalment minn dan il-materjal jew din is-sustanza. Il-klassifikazzjoni ta' oġġetti magħmulin minn iż-żejjed minn materjal wieħed jew sustanza waħda għandha ssir skont il-prinċipji tar-regola 3.
3. Meta b'applikazzjoni tar-regola 2(b) jew għal kwalunkwe raġuni oħra, l-oġġetti jkunu kklassifikati *prima facie* f'żewġ intestaturi jew iż-żejjed, il-klassifikazzjoni għandha ssir kif ġej:
 - (a) l-intestatura li tagħti l-iż-żejjed deskrizzjoni speċifika għandha tkun ippreferuta fuq l-intestaturi li jagħtu deskrizzjoni iż-żejjed ġenerali. Madankollu, meta jkun hemm żewġ intestaturi jew iż-żejjed li kull waħda minnhom tirreferi biss għal parti waħda mill-materjali jew mis-sustanzi li qeqħdin fogħġetti mħalltin jew komposti jew għal parti biss mill-oġġetti f'sett offrut għall-bejgħ bl-imnut, dawk l-intestaturi għandhom jitqiesu ugħalment speċifiċi fir-rigward ta' dawk l-oġġetti, ukoll jekk wieħed minnhom jagħti deskrizzjoni iż-żejjed kompluta jew preciżha tal-oġġetti;
 - (b) taħlitiet, oġġetti komposti li jikkonsistu minn materjali differenti jew magħmulin minn komponenti differenti, u oġġetti offruti għall-bejgħ bl-imnut bħala settijiet, li ma jkunux jistgħu jiġi kklassifikati b'referenza għal 3(a), għandhom ikunu kklassifikati daqslikieku kienu magħmulin mill-materjal jew mill-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom, sakemm dan il-kriterju jkun applikabbli;
 - (c) meta l-oġġetti ma jkunux jistgħu jiġi kklassifikati b'referenza għal 3(a) jew (b), huma għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura li tiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li jixxilhom li jitqiesu b'mod ugħalli.
4. Oġġetti li ma jkunux jistgħu jiġi kklassifikati skont ir-regoli ta' hawn fuq għandhom ikunu kklassifikati fl-intestatura x-xierqa għall-oġġetti li jixbxuhom l-iż-żejjed.
5. Bħala żieda mad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward ta' oġġetti msemmi jidher:

 - (a) cases għall-kameras, cases għall-istrumenti mużikali, cases għall-ixkubetti, cases għall-istrumenti tat-tpinġi, cases għall-ġiżirajjen u kontenituri simili, iffurmati jew armati apposta biex iż-żommu oġġett speċifiku jew sett ta' oġġetti, kif xieraq għall-użu fit-tul u preżentati mal-oġġetti li huma intiżi għalihom, għandhom ikunu kklassifikati ma' tali oġġetti meta jkunu tat-tip li normalment jinbiegħ magħhom. Din ir-regola, madankollu, ma tapplikax għal kontenituri li jagħtu lill-oġġett intier il-karattru essenzjali tiegħi;

- (b) soġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-regola 5(a), il-materjali u l-kontenituri tal-ippakkjar (l') ippreżentati mal-oġġetti ta' ġo fihom għandhom ikunu kklassifikati mal-oġġetti jekk huma tat-tip li normalment jintużaw fl-ippakkjar ta' oġġetti bħal dawn. Madankollu, din id-dispożizzjoni mhix vinkolanti meta dawn il-materjali jew kontenituri tal-ippakkjar jidhru biċ-ċar li huma xierqa għall-użu repetittiv.
6. Għal finijiet legali, il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fis-subintestaturi ta' intestatura għandha tiġi stabbilita skont it-termini ta' dawk is-subintestaturi u kwalunkwe noti tas-subintestatua relatati u, *mutatis mutandis* skont ir-regoli ta' hawn fuq, bil-kundizzjoni li s-subintestaturi fl-istess livell biss ikunu komparabbi. Għall-finijiet ta' din ir-regola, it-taqSIMA relativa u n-noti tal-kapitolu japplikaw ukoll, sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor.

B. Regoli ġenerali li jikkonċernaw id-dazji

1. Id-dazji doganali applikabbi għal oġġetti importati li joriġinaw minn pajjiżi li huma Partijiet Kontraenti tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), jew li magħhom l-Unjoni Ewropea tkun laħqed ftehim li fih il-klawsola tat-tariffa tan-nazzjon l-iktar iffavorit, għandhom ikunu d-dazji konvenzjonali murija fil-kolonna 3 tal-iskeda tad-dazji. Sakemm il-kuntest ma jitlobx mod ieħor, dawn id-dazji konvenzjonali japplikaw għal oġġetti, għajr dawk imsemmijin hawn fuq, importati minn kwalunkwe pajjiż terz.

Ir-rati tad-dazju konvenzjonali murija fil-kolonna 3 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

- Meta r-rati tad-dazju awtonomu jkunu inqas mir-rati tad-dazju konvenzjonali, japplikaw id-dazji awtonomi, murijin permezz ta' nota f'qiegħ il-pàgna.
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fejn jiġu previsti dazji doganali awtonomi speċjali fir-rigward ta' oġġetti li joriġinaw fċertu pajjiżi jew fejn dazji doganali preferenzjali japplikaw skont ftehimiet fis-seħħ.
 3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprekludu lill-Pajjiżi Membri milli japplikaw dazji doganali għajr dawk tat-Tariffa Doganali Komuni fejn l-applikazzjoni ta' dazji oħra bħal dawn tkun ġustifikata mil-liġi tal-Unjoni Ewropea.
 4. Id-dazji mniżżlin bħala rati perċentwali huma dazji *ad valorem*.
 5. Is-simbolu “EA” jindika li l-oġġetti kkonċernati huma intaxxabbli b’ “komponent agrikolu”, stabbilit skont l-Anness 1.
 6. Is-simbolu “AD S/Z” jew “AD F/M” fil-Kapitoli 17 sa 19 jindika li r-rata massima tad-dazju tikkonsisti f'dazju *ad valorem* flimkien ma’ dazju addizzjonali għal ċerti forom ta’ zokkor jew għad-daqiq. Dan id-dazju addizzjonali huwa stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness 1.
 7. Fil-Kapitolo 22, is-simbolu “€/% vol/hl” ifisser li dazju speċifiku, espress f'euro, għandu jkun ikkalkolat għal kull perċentwal ta’ volum ta’ alkoħol kull ettolitru. B’hekk, xarba li jkollha kontenut ta’ alkoħol skont il-volum ta’ 40 % tkun intaxxata kif ġej:
 - “€ 1/% vol/hl” = € 1 × 40, li jagħti dazju ta’ € 40 għal kull ettolitru, jew
 - “€ 1/% vol/hl + € 5/hl” = € 1 × 40 biż-żieda ta’ € 5, li jagħti dazju ta’ € 45 għal kull ettolitru.

Fejn, apparti minn dan, jidher valur minimu (MIN), eż. “€ 1,6/% vol/hl MIN € 9/hl”, dan ifisser li d-dazju, ikkalkolat fuq il-bażi tar-regola msemmija hawn fuq, għandu jkun komparat mad-dazju minimu, eż. “€ 9/hl”, u għandu jkun applikat l-ogħla mit-tnejn.

(l) It-termini “materjali tal-ippakkjar” u “kontenituri tal-ippakkjar” ifissru kwalunkwe kontenituri, holders, sarr jew irfid — esterni jew interni — għajr l-apparat għat-trasport (eż. containers tat-trasport), it-tarġolini, it-taljoli jew tagħmir tat-trasport anċċillari. It-terminu “kontenituri tal-ippakkjar” ma jkoppix il-kontenituri msemmijin fir-regola ġenerali 5(a).

8. Meta fil-Kapitoli 17 sa 19 u 21 jidher valur massimu (MAX), eż. “(9 + EA) MAX (24,2 + AD S/Z)”, dan ifisser li d-dazju kkalkolat biż-żieda ta’ 9 % u “l-komponent agrikolu” (EA) ma jistgħux jaqbżu s-somma ta’ 24,2 % u d-dazju addizzjonal fuq iz-zokkor (“AD S/Z”).

C. Regoli applikabbi kemm għan-nomenklatura kif ukoll għad-dazji

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet relatati ma’ valur doganali għandhom ikunu applikati biex jiġi deċiż, apparti l-valur għall-kalkolu ta’ dazji doganali *ad valorem*, il-valuri li b'referenza għalihom jiġi ddefinit l-iskop ta’ ċerti intestaturi jew subintestaturi.
 2. Il-piż dazjabbi, fil-każ ta’ oġġetti intaxxabbli skont il-piż, u l-piżiżiet li b'referenza għalihom l-iskop ta’ ċerti intestaturi jew subintestaturi huwa definit, għandu jitqies li huwa:
 - (a) fil-każ ta’ referenza għal “piż gross”, il-piż aggregat tal-oġġetti u tal-materjali ta’ ppakkjar u l-kontenituri ta’ ppakkjar kollha;
 - (b) fil-każ ta’ referenza għal “piż nett” jew sempliċement “piż” mingħajr kwalifika, il-piż tal-oġġetti nfushom mingħajr materjali ta’ ppakkjar jew kontenituri ta’ ppakkjar ta’ kwalunkwe tip.
 3. L-ekwivalenti tal-euro fil-muniti nazzjonali, għall-Istati Membri ġħajr dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw skont kif inhu ddefinit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem “Stati Membri mhux parteċipanti”), għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
 4. Oġġetti eliġibbli għal trattament tariffarju favorevoli minħabba l-użu finali tagħhom:
- Fejn id-dazju tal-importazzjoni applikabbi skont l-arranġamenti tal-użu finali, għall-oggetto għal użu finali spċificu ma jkunx inqas minn dak li normalment kien ikun japplika għal dawn l-oġġetti, l-oggetto għandhom jiġi kklassifikati fil-kodiċi li jirreferi għall-użu finali u ma għandux japplika l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

TAQSIMA II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

A. Oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni

1. Id-dazji doganali għandhom ikunu sospiżi għal oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati f'vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn elenkti fl-iskeda li ġejja, għall-finijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manteniment jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi biex jitwaħħlu fuq vapuri, dgħajjes jew bastimenti oħrajn bħal dawn u jattrezzawhom.
2. Id-dazji doganali għandhom ikunu sospiżi għal:
 - (a) oġġetti intiżi biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew produzzjoni taż-żejt:
 - (1) fissi, tas-subintestatura ex 8430 49 li joperaw fil-baħar territorjali ta' Pajjiżi Membri jew barra minnu, jew
 - (2) li jżommu fwiċċi l-ilma jew sommergħibbli, tas-subintestatura 8905 20,

għall-finijiet tal-kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni jew konverżjoni tagħhom, u għal oġġetti intiżi għall-attrezzar tal-imsemmi jipprova fi pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni;

Dawk l-oġġetti bħal karburanti tal-magni, lubrifikanti u gass, li huma meħtieġa għat-tħaddim ta' magni u apparat li ma jaffettwax permanentament, u li mhumiex partijiet integrali mill-pjattaformi u li jintużaw abbord għall-kostruzzjoni, għat-tiswija, għall-manutenzjoni, għall-konverżjoni jew għall-attrezzar ta' dawn il-pjattaformi jitqiesu wkoll li jintużaw biex ikunu inkorporati fi pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni;
 - (b) tubi, pajpijet, kejbils, u l-parts ta' konnessjoni tagħhom, li jgħaqqu dawn il-pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni mal-art prinċipali.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8901	Vapuri tal-kruċiera, dgħajjes tal-eskursjonijiet, ferry-boats, bastimenti tat-tagħbija, braken u bastimenti simili għat-trasport ta' persuni jew oġġetti
8901 10	– Vapuri tal-kruċiera, dgħajjes tal-eskursjonijiet u bastimenti simili principally iddisinjati għat-trasport ta' persuni; ferry-boats ta' kull tip
8901 10 10	-- Tal-baħar
8901 20	-- Tankers
8901 20 10	-- Tal-baħar
8901 30	– Bastimenti friġġ, għajr dawk tas-subintestatura 8901 20
8901 30 10	-- Tal-baħar
8901 90	– Bastimenti oħrajn għat-trasport ta' oġġetti u bastimenti oħrajn għat-trasport kemm ta' persuni kif ukoll ta' oġġetti
8901 90 10	-- Tal-baħar
8902 00	Bastimenti tas-sajd; bastimenti fabbrika u bastimenti oħrajn għall-ipproċessar jew l-ippresvar ta' prodotti tas-sajd
8902 00 10	-- Tal-baħar

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8903	Jottijiet u bastimenti oħrajn għad-divertiment jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri – Dgħajjes tal-qlugħ, għajr dawk li jistgħu jintefħu, b'mutur awżiljarju jew mingħajru --- Ta' tul li jaqbeż is-7,5 m iżda li ma jaqbiżx l-24 m
8903 22	---
8903 22 10	Tal-baħar
8903 23	--- Ta' tul li jaqbeż l-24 m
8903 23 10	---
	– Dgħajjes bil-mutur, għajr dawk li jistgħu jintefħu, mhux inklużi d-dgħajjes bil-mutur outboard
8903 32	--- Ta' tul li jaqbeż is-7,5 m iżda li ma jaqbiżx l-24 m
8903 32 10	---
8903 33	--- Ta' tul li jaqbeż l-24 m
8903 33 10	---
8904 00	Laneċ tal-irmxon u mezzi li jimbuttaw
8904 00 10	– Laneċ tal-irmxon – Mezzi li jimbuttaw
8904 00 91	-- Tal-baħar
8905	Bastimenti ħief, fire-floats, ħammiela, krejnijiet li jżommu f'wiċċ l-ilma, u bastimenti oħrajn li l-kundizzjoni ta' tħabħir tagħhom hija sekondarja għall-funzjoni prinċipali tagħhom; floating docks; pjattaformi għat-tħaffir jew għall-produzzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma jew sommergħibbi
8905 10	– Ħammiela
8905 10 10	-- Tal-baħar
8905 90	– Oħrajn
8905 90 10	-- Tal-baħar
8906	Bastimenti oħrajn, inkluż bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-sopravivenza, għajr dgħajjes tal-qdif
8906 10 00	– Bastimenti tal-gwerra
8906 90	– Oħrajn
8906 90 10	-- Tal-baħar

3. Is-sospensjonijiet għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjoniċċi rilevanti tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontroll doganali tal-użu ta' ogħġetti bħal dawn.

B. Inġenji tal-ajru ċivili u ogħġetti għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili

- Eżenzjoni mid-dazju doganali hija maħsuba għal:
 - inġenji tal-ajru ċivili,
 - ġerti ogħġetti għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili u biex ikunu inkorporati fihom fil-proċess tal-manifattura, tiswija, manutenzjoni, bini mill-ġdid, modifikazzjoni jew konverżjoni,
 - inġenji fuq l-art għat-tħażżeġ fit-titjir u l-parts tagħħom, għall-użu ċivili.

Dawn l-öggetti huma koperti mill-intestaturi u s-subintestaturi elenkti fit-tabelli fil-paragrafu 5.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni inċiż, “ingéni tal-ajru ċivili” tfisser ingéni tal-ajru minbarra mezzi tal-ajru użati f-servizzi militari jew servizzi simili fil-Pajjiżi Membri li għandhom reġistrazzjoni militari jew mhux ċivili.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, it-tieni inċiż, l-espressjoni “għal użu finġenji tal-ajru ċivili” għandha tinkludi oggetto li jintużaw finġenji fuq l-art għat-taħbi fit-titjir għall-użu ċivili.
4. L-eżenzjoni mid-dazji doganali hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontroll doganali tal-użu ta' dawn il-prodotti (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013).

Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet ma għandhomx japplikaw f'każijiet fejn l-ingéni tal-ajru li jaqgħu taħt is-subintestaturi 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40 jkunu ddaħħlu kif suppost f-reġistru ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjażżjoni Ċivili Internazzjonali datata s-7 ta' Diċembru 1944 u ssir referenza fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni rilevanti.

Id-dispożizzjonijiet tal-punt C.4. tat-Taqsima I – Regoli Ġenerali, tad-Dispożizzjonijiet Preliminari tan-NM għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

5. L-öggetti li huma eliġibbli għal din l-eżenzjoni mid-dazji doganali huma koperti b'dawn l-intestaturi jew subintestaturi li ġejjin:

3917 40, 4011 30, 4012 13, 4012 20, 7324 10, 7326 20, 8302 10, 8302 20, 8302 42, 8302 49, 8302 60, 8407 10, 8408 90, 8409 10, 8411, 8412 10, 8412 21, 8412 29, 8412 31, 8412 39, 8412 80 80, 8412 90, 8413 19, 8413 20, 8413 30, 8413 50, 8413 60, 8413 70, 8413 81, 8413 91, 8414 10, 8414 20, 8414 30, 8414 51, 8414 59, 8414 80, 8414 90, 8415 81, 8415 82, 8415 83, 8418 10, 8418 30, 8418 40, 8418 61, 8418 69, 8419 50, 8419 81, 8421 19, 8421 21, 8421 23, 8421 29, 8421 31, 8421 32, 8421 39, 8424 10, 8479 90, 8483 10, 8483 30, 8483 40, 8483 50, 8483 60, 8483 90, 8484 10, 8484 90, 8501 32, 8501 52, 8501 61, 8501 62, 8501 63, 8502, 8504 10, 8504 31, 8504 32, 8504 33, 8504 40, 8504 50, 8507, 8511 10, 8511 20, 8511 30, 8511 40, 8511 50, 8511 80, 8518 10, 8518 22, 8518 29, 8518 30, 8518 40, 8518 50, 8519 81, 8521 10, 8526, 8528 52, 8529 10, 8531 10 95, 8531 20, 8531 80, 8539 10, 8544 30, 8801, 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, 8806 10, 8806 21, 8806 22, 8806 23, 8806 24, 8806 29, 8806 91, 8806 92, 8806 93, 8806 94, 8806 99, 8807 10, 8807 20, 8807 30, 8807 90, 9001 90, 9002 90, 9014 10, 9025, 9029 20 38, 9030 31, 9030 33, 9030 89, 9032, 9104.

Għas-subintestaturi li ġejjin, l-eżenzjoni mid-dazju doganali għall-użu tal-ingéni tal-ajru ċivili tingħata biss lill-öggetti deskritti fil-kolonna 2:

Subintestatura	Deskrizzjoni
3917 21 90, 3917 22 90, 3917 23 90, 3917 29 00, 3917 31, 3917 33, 3917 39 00, 7413 00, 8307 10, 8307 90	B'fittings imwahħħlin
4008 29	Forom profilati, maqtugħin għall-qies
4009 12, 4009 22, 4009 32, 4009 42	Tajbin għat-twassil ta' gassijiet jew likwidi
3926 90, 4016 10, 4016 93, 4016 99	GĦall-użi tekniċi
4504 90	Gaskets, washers u siġilli oħrajn
6812 80	Għajr hwejjieg, aċċessorji ta' hwejjieg, xedd is-saqajn u xedd ir-ras, karta, kartun qawwi, feltru jew materjal tal-gaskets tal-asbestos ikkompressat, f'folji jew rombli
6812 99	Għajr karta, kartun qawwi, feltru; għajr materjal tal-gaskets tal-fibri tal-asbestos ikkompressat, f'folji jew rombli
6813 20, 6813 81, 6813 89	B'bażi ta' asbestos jew sustanzi minerali oħrajn
7007 21	Windskrins, mingħajr gwarniċi
7322 90	Heaters tal-arja u distributuri ta' arja sħuna (ħlief il-parts tagħ-hom)

7324 90	Oġġetti għall-kamra tal-banju (ħlief il-parts tagħhom)
7608 10, 7608 20	Bil-fittings imwaħħlin, tajbin għat-trażmissjoni ta' gassijiet jew ta' likwidi
8108 90	Tubi u pajpjiet, bil-fittings imwaħħlin, tajbin għat-trażmissjoni ta' gassijiet jew likwidi
8415 90	Ta' magni tal-arja kundizzjonata tas-subintestatura 8415 81, 8415 82 jew 8415 83
8419 90	Parts ta' skambjaturi tas-sħana
8479 89	Batteriji idropnewmatiċi; attwaturi mekkaniċi għat-thrust reversers; unitajiet tat-toilet maħdumin apposta; umidifikaturi u deu midifikaturi tal-arja; servomekkaniżmi, mhux elettriċi; muturi tal-istarter mhux elettriċi; starters pnevmatiċi għat-turbojets, turbopropellers u turbini oħrajn tal-gass; windscreen wipers, mhux elettriċi; regolaturi tal-iskrejen, mhux elettriċi
8501 20, 8501 40	B'output li jaqbeż is-735 W iżda li ma jaqbiżx il-150 kW
8501 31	B'output li jaqbeż is-735 W, ġeneraturi DC
8501 33	Muturi b'output li ma jaqbiżx il-150 kW u ġeneraturi
8501 34	Ġeneraturi, b'output li jaqbeż it-375 kW
8501 51	B'output li jaqbeż is-735 W
8501 53	B'output li ma jaqbiżx il-150 kW
8501 72	B'output li jaqbeż is-735 W
8501 80	B'output li ma jaqbiżx il-750 kW
8516 80 20	Assemblat biss b'bobina sempliċi iżolata u konnessjonijiet elettriċi, użati għal kontra s-silġ jew għat-tnejħija tas-silġ
8522 90	Assemblaġġi u subassemblaġġi magħmulin minn żewġ parts jew biċċiet jew iktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat tas-subintestatura 8519 81
8529 90	Assemblaġġi u subassemblaġġi magħmulin minn żewġ parts jew biċċiet jew iktar marbutin jew imwaħħlin flimkien, għal apparat tas-subintestatura 8526
8536 70	Konnetturi tal-plastik użati għall-fibra ottika, faxex jew kejbils ta' fibri ottiċi
8543 70 90	Synchros u trasdutturi elettriċi, defrosters u demisters b'reżisturi elettriċi
9020 00	Esklużi l-parts
9029 10	Kuntjaturi elettroniċi jew elettroniċi tar-rivoluzzjonijiet
9029 90	Ta' kuntjaturi tar-rivoluzzjonijiet, indikaturi tal-veloċità u takometri
9109 10, 9109 90	Ta' wisa' jew dijametru li ma jaqbiżx il-50 mm
9405 11, 9405 19, 9405 61, 9405 69	Tal-plastik jew ta' metall komuni
9405 92, 9405 99	Tal-oġġetti tas-subintestatura 9405 11, 9405 19, 9405 61 jew 9405 69, tal-plastik jew ta' metall komuni

6. L-oġġetti speċifikati fil-paragrafu 5 qegħdin integrati fit-TARIC skont is-subintestaturi b'referenza f'qiegħ il-paġna kif ġej: "L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013)".

Madankollu, għas-subintestaturi 8802 11, 8802 12, 8802 20, 8802 30, 8802 40, ir-referenza tan-nota ta' qiegħ il-paġna tgħid:

"L-entrata f'din is-subintestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea (ara l-Artikolu 254 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013). Dawn il-kundizzjonijiet ma ġħandhomx jaġġikaw f'każżejjiet fejn l-ingēnji tal-ajru ċivili jkunu ddaħħlu kif suppost f'registratu ta' Stat Membru jew ta' pajiż terz skont il-Konvenzjoni dwar l-Avazzjoni Ċivili Internazzjonali datata s-7 ta' Diċembru 1944 u ssir referenza fid-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera għaċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni rilevanti."

C. Prodotti Farmaċewtiċi

1. Eżenzjoni mid-dazju doganali hija maħsuba għal prodotti farmaċewtiċi tal-kategoriji li ġejjin:

- (1) sustanzi farmaċewtiċi koperti mill-CAS RN (*chemical abstracts service registry numbers*) u mill-international non-proprietary names (INNs) elenkti fl-Anness 3;
- (2) imlieħ, esteri u idrati ta' INN li jistgħu jkunu deskritti billi jkunu kombinati INN tal-Anness 3 ma' prefissi jew suffissi tal-Anness 4, sakemm prodotti bħal dawn jistgħu jkunu kklassifikati fl-istess subintestaturi tas-SA b'6 numri bħall-INN rilevanti;
- (3) imlieħ, esteri u idrati ta' INN li huma elenkti fl-Anness 5 u li mhumiex klassifikabbli fl-istess subintestaturi tas-SA b'6 numri bħall-INN korrispondenti;
- (4) intermedji farmaċewtiċi, jiġifieri komposti ta' tip użati fil-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi lesti li huma koperti mill-CAS RN u l-is-mijiet kimiċi, elenkti fl-Anness 6.

2. Każijiet speċjali:

- (1) INNs li jkopru biss dawk is-sustanzi deskritti fil-listi ta' INNs rakkomandati u proposti ppublikati mill-Għaqda Dinjija għas-Saħħha (WHO). Fejn in-numru ta' sustanzi koperti minn INN huwa inqas minn dak kopert mis-CAS RN, dawk is-sustanzi koperti mill-INN biss għandhom ikunu soġġetti għal trattament mingħajr dazju;
- (2) fejn prodott tal-Anness 3 jew l-Anness 6 ikun identifikat minn CAS RN li jikkorrispondi għal isomer speċifiku, dak l-isomer biss jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju;
- (3) derivattivi doppiji (imlieħ, esteri u idrati) ta' INNs identifikati permezz ta' kombinament ta' INN tal-Anness 3 ma' prefissi jew suffissi tal-Anness 4 jikkwalifikaw għal trattament mingħajr dazju, sakemm huma jkunu kklassifikabbli fl-istess subintestatura SA b'sitt numri bħall-INN rilevanti:

eżempju: ester metiliku tal-alanina, idroklorur;

- (4) fejn INN tal-Anness 3 huwa melħ (jew ester), l-ebda melħ (jew ester) ieħor tal-aċidu li jikkorrispondi mal-INN ma jista' jikkwalifika għal trattament mingħajr dazju:

eżempju: potassju oxprenoat (INN): eżenti mid-dazju

sodju oxprenoat: mhux eżenti mid-dazju.

- (5) meta għal prodott tal-Anness 3 jew tal-Anness 6 ma jkunx hemm indikat CAS RN (numru 0-00-0), id-denominazzjoni internazzjonali komuni (INN, international non-proprietary name) jew id-denominazzjoni kimika elenkata hija biżżejjed għal trattament ħieles mid-dazju.

D. Rata standard tad-dazju

1. Id-dazju doganali għandu jiġi impost bir-rata fissa ta' 2,5 % *ad valorem* fuq oġġetti:

- li jkunu f'kunsinni mibgħuta minn individwu privat lil ieħor, jew
- li jkunu fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi,

sakemm dawn l-importazzjonijiet ma jkunux ta' natura kummerċjali.

Dan id-dazju doganali b'rata fissa ta' 2,5 % għandu jaapplika sakemm il-valur intrinsiku tal-oġġetti soġġetti għal dazji tal-importazzjoni ma jaqbix is-€ 700 għal kull konsenja jew għal kull vjaġġatur.

Din il-valutazzjoni b'rata fissa ma għandhiex tapplika għal oġġetti li ġħalihom ir-rata tad-dazju fl-iskeda ta' dazji doganali hija “eżenti” u għal oġġetti tal-Kapitolu 24 li jinstabu f'konsejha jew fbagalji personali tal-passiġġieri f'ammonti li jeċċedu dawk elenkat fl-Artikolu 27 jew skont l-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (¹).

2. L-importazzjonijiet għandhom jitqiesu li mhumiex ta' natura kummerċjali jekk:

(a) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'kunsinni mibgħuta minn individwu privat lil ieħor, kunsinni bħal dawn:

- ikunu ta' natura okkażjonali,
- ikun fihom oġġetti eskuživament għall-użu personali tad-destinatarju jew tal-familja tiegħu, li min-natura jew kwantità tagħhom ma jirriflettu l-ebda interessa kummerċjali,
- jintbagħtu lid-destinatarju mill-konenjatur mingħajr ebda tip ta' ħlas;

(b) fil-każ ta' oġġetti li jkunu f'bagħali personali tal-vjaġġaturi:

- ikunu ta' natura okkażjonali u
- ikunu jikkonsistu eskuživament minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom, jew minn oġġetti maħsubin bħala rigali; in-natura u l-kwantità ta' oġġetti bħal dawn ma għandhomx ikunu tali li jistgħu jindikaw li huma qed ikunu importati għal raġunijiet kummerċjali.

3. Ir-rata fissa tad-dazju doganali ma għandhiex tapplika għal oġġetti importati taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 jekk il-persuna intitolata qabel ma għet applikata ġħalihom ir-rata fissa msemmija tkun talbet biex huma jkunu soġġetti għal dazji doganali kif suppost. L-oġġetti kollha li jiffurmaw il-kunsinna għandhom imbagħad ikunu soġġetti għad-dazji tal-importazzjoni kif suppost, mingħajr preġudizzju għad-dħul mingħajr dazju maħsub skont l-Artikoli 25 sa 27 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagraphu, dazji tal-importazzjoni għandhom ifissru kemm dazji doganali u taxxi li għandhom effett ċekwivalenti, kif ukoll taxxi oħrajn ta' importazzjoni maħsubin skont il-politika komuni agrikola jew skont arranġamenti spċifici applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli.

4. Il-Pajjiżi Membri mhux parteċipanti jistgħu jqarrbu għall-eqreb ammont f'munita nazzjonali li jirriżulta mill-konverżjoni tas-somma ta' € 700.

5. L-Istati Membri mhux parteċipanti jistgħu jżommu l-ekwivalenti tas-somma ta' EUR 700 fil-munita nazzjonali mingħajr ma ssir konverżjoni jekk fil-ħin tal-aġġustament annwali stipulat fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, il-konverżjoni ta' dan l-ammont, qabel ma jsir aġġustament taċ-ċifra għad-dritt, kif stipulat fil-paragrafu 4, tirriżulta f'konverżjoni ta' inqas minn 5 % tas-somma ekwivalenti fil-munita nazzjonali, jew fi tnaqqis tagħha.

(¹) ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

E. Kontenituri u materjali tal-ippakkjar

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma applikabbi għall-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar imsemmijin fir-regola ġenerali interpretattiva 5 (a) u (b) u mqeqħdin fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-istess ħin bħall-oġġetti li jkollhom fihom jew li jkunu ppreżentati magħhom.

1. Meta l-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar ikunu kklassifikati mal-oġġetti skont id-dispożizzjonijiet tar-regola ġenerali interpretattiva 5, dawn għandhom:

(a) iħallsu l-istess rata ta' dazju doganali bħall-oġġetti:

- meta oġġetti bħal dawn huma soġġetti għal dazju doganali *ad valorem*, jew
- meta għandhom ikunu inklużi fil-piż taxxabbli tal-oġġetti;

(b) jiddaħħlu mingħajr dazji doganali:

- meta l-oġġetti jkunu mingħajr dazju doganali, jew
- meta l-oġġetti huma taxxabbli mod ieħor ħlief b'referenza għall-piż jew għall-valur, jew
- meta l-piż tal-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar ma jkunx irid jiġi inkluż fil-piż taxxabbli tal-oġġetti.

2. Fejn il-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar koperti mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 (a) u (b) ikun fihom jew ikunu ppreżentati flimkien ma' oġġetti ta' diversi deskrizzjonijiet tat-tariffa, il-piż u l-valur tal-kontenituri u l-materjali tal-ippakkjar għandhom, bil-ġhan li jkun iddeterminat il-piż jew il-valur taxxabbli tagħhom, jitqassmu fost l-oġġetti kollha ta' ġewwa, bi proporzjon mal-piż jew mal-valur ta' dawk l-oġġetti.

F. Trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tal-oġġetti

1. B'ċerti kundizzjonijiet, trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tal-oġġetti huwa maħsub għal:

- oġġetti mhux tajbin għall-konsum,
- żrieragħ,
- drapp tal-għarbil, mhux ikkonfezzjonat,
- ċerti tipi ta' għeneb tal-mejda frisk, tabakk u nitrat.

Dawn l-oġġetti huma koperti bis-subintestaturi (1) b'nota ta' referenza fil-qiegħ li tħid hekk: "Id-dħul f'din is-subintestatura huwa soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fit-taqṣima II, il-paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari." jew "Dan it-trattament tariffarju favorevoli huwa soġġett għall-konformità mal-formalitajiet u l-kundizzjonijiet stipulati fit-taqṣima II, il-paragrafu F, tad-dispożizzjonijiet preliminari".

(1) Is-subintestaturi u l-Kodiċċijiet TARIC ikkonċernati huma: 0408 11 20, 0408 19 20, 0408 91 20, 0408 99 20, 0701 10 00, 0712 90 11, 0806 10 10, 1001 91 10, 1005 10 13, 1005 10 15, 1005 10 18, 1006 10 10, 1007 10 10, 1106 20 10, 1201 10 00, 1202 30 00, 1204 00 10, 1205 10 10, 1206 00 10, 1207 21 00, 1207 40 10, 1207 50 10, 1207 91 10, 1207 99 20, 2401 10 35, 2401 10 85, 2401 10 95, 2401 20 35, 2401 20 85, 2401 20 95, 2501 00 51, 3102 50 00 10, 3105 90 20 10, 3105 90 80 10, 3502 11 10, 3502 19 10, 3502 20 10, 3502 90 20, 5911 20 00.

2. Oġġetti mhux tajbin għall-konsum li għalihom jingħata trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tagħhom huma elenkti fl-Anness 8 b'referenza għall-intestatura li fiha huma klassifikati flimkien mad-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tad-denaturanti użati. Oġġetti bħal dawn jitqiesu mhux tajbin għall-konsum meta l-oġġetti li għandhom ikunu denaturati u d-denaturanti jkunu mħalltin b'mod omoġjenu u s-separazzjoni tagħhom ma tkunx ekonomikament vijabbli.
3. L-oġġetti elenkti hawn taħt għandhom ikunu kklassifikati fl-intestaturi xierqa għaż-żerriegħ jew għaż-żrīgħ, sakemm l-oġġetti jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea:
 - għall-qamħirrum ħelu, spelt, qamħirrum ibridu, ross u sorgu (Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ()),
 - għall-patata taż-żrīgħ (Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ()),
 - għaż-żrīeragh żejtnja u frott żejtni (Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 ()).

Meta qamħirrum ħelu ibridu, spelt, qamħirrun ibridu, ross, sorgu ibridu jew żrieragħ żejtnja u frott żejtni jkunu ta' tip li għalih ma japplikawx id-dispożizzjonijiet agrikoli, għandu jingħata trattament tariffarju favorevoli minħabba n-natura tagħhom, sakemm ikun stabbilit li l-oġġetti huma fil-fatt maħsuba għaż-żrīgħ.

4. Drapp tal-ħarrbil, mhux ikkonfezzjonat, għandu jingħata trattament tariffarju favorevoli bil-kundizzjoni li l-oġġetti issirilhom marka, li żgur ma titħassarx, li tidentifikahom li huma maħsuba għall-ħarrbil jew għal finijiet simili industrijali.
5. L-għeneb tal-mejda frisk, it-tabakk u n-nitrat jingħataw trattament tariffarju favorevoli meta jiġi ppreżentat ċertifikat awtentikat kif suppost. Id-dispożizzjonijiet partikolari li għandhom jiġu applikati u l-mudelli taċ-ċertifikati jinsabu fl-Anness 9.

(¹) ĠU P 125, 11.7.1966, p. 2309.

(²) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.

(³) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74.

SINJALI, ABBREVJAZZJONIJIET U SIMBOLI

★	Tirreferi għal numri ġodda tal-kodiċi
■	Tirreferi għal numri tal-kodiċi użati s-sena ta' qabel iżda li jkopru ogħetti differenti
AD F/M	Dazju addizzjonali fuq id-diqiq
AD S/Z	Dazju addizzjonali fuq iz-zokkor
b/f	Flixkun flask
cm/s	Ċentimetru/i fis-sekonda
EA	Komponent agrikolu
€	Euro
INN	Isem Internazzjonali Mhux Proprietarju
INNM	Isem Internazzjonali Mhux Proprietarju Modifikat
ISO	Organizzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
Kbit	1 024 bits
kg/br	Kilogrammi, grossi
kg/net	Kilogrammi, netti
kg/net eda	Kilogrammi piż nett imqattar
kg/net mas	Kilogrammi netti, ta' materja niexfa
MAX	Massimu
Mbit	1 048 576 bits
MIN	Minimu
ml/g	Millilitru/i kull gramma
mm/s	Millimetru/i fis-sekonda
RON	Numru Ottan ta' Riċerka (<i>Research octane number</i>)

Nota:

Numru ta' intestatura mqiegħed bejn parenteżi kwadri fil-kolonna 1 tal-Iskeda tad-Dazji Doganali jindika li l-intestatura kienet imħassra (eż. l-intestatura [1519]). Meta f'anness tal-iskeda tad-dazji doganali, ir-referenza tal-anness tkun f'parenteżi kwadri, dan jindika li l-kontenut ta' dak l-anness ikun tħassar (eż. [Anness 7]).

UNITAJIET SUPPLIMENTARI

c/k	Karati (1 karat metriku = 2×10^{-4} kg)
ċe/el	Numru ta' ċelloli
ċt/l	Kapaċitā ta' ġarr f'tunnellati (¹)
g	Grammi
gi F/S	Grammi ta' isotopi fissili
